MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Numru. 880/2003

PULIZIJA
SPETTUR MARIO BONNICI
VS
CLINT JOSEPH WHTIELAW

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Clint Joseph Whitelaw bin Guido Lawrence Nicholas Carmelo Salvino u Maria Dolores kunjomha xebba Farrugia imwieled l-Ingilterra fl-1 ta' Frar 1979, u residenti 6, Lollie's Place Flat 6, Triq il-Barbagann, Kappara l/o San Gwann ID Card No 275301L tali fid-9 ta' Lulju 2003, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'fasifikazzjoni jew tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti illi

dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli fl-istess perjodu u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza imsemmija fl-artikolu 183 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Talli fid- 9 ta' Lulju 2003, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer, ghamel uzu minn numru ta' identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Kummissarju tal-pulizija jew mill-awtorita dwar it-Trasport ta' Malta dwar xi vettura bil-mutur Mazda 323, bin-numru tar-registrazzjoni LAN 372

Talli uza licenzja ta' vettura bil-mutur partikolari fuq vettura bil-mutur ohra, cioe uza licenzja ta' vettura ta' Austin Metro nru KAC 175 fuq vettura ohra ta' ghamla Mazda 323 nru LAN 372.

Talli saq jew ghamel uzu minn vettura ta' ghamla Mazda 323 nru LAN 372 minghajr ma kienet licenzjata mill-Kummissarju tal-pulizija jew mill-awtorita dwar it-trasport ta' Malta biex tintuza jew tkun fit-triq.

Talli saq jew ghamel uzu minn vettura ta' ghamla Mazda 323 nru LAN 372 minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta dwar ir-riskju tat-terzi persuni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tat-28 ta' Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 183, 184 tal-kap 9, Art 15(1)(a)(3) tal-kap 65, Sec 18 u 21 tal-Motor Vehicle

Regulations, Art 3(1) tal-kap 104 u Art 7 u 9 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ sentejn filwaqt li tikkundannah ihallas multa ta’ Lm250 li ghandha tithallas Lm50 fix-xhar.

Ghal dan il-ghan il-Qorti tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina Probation Officer ghall-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------